MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-20 ta' Jannar, 2020

Rikors Maħluf Numru 359/2017 LM

**Silvan Farrugia (K.I. 488479M)**

***vs.***

**Carmelo Gatt (K.I. 631453M) u**
**Gasan Mamo Insurance Limited (C 3143)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fil-21 ta' April, 2017 mill-attur **Silvan Farrugia** (K.I. 488479M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi fit-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (2015) seħħ inċident awtomobilistiku fi Triq Ħal Far, Birżebbugia li fih kien involut l-attur li kien qed isuq ir-rota u l-vettura GAH 075 misjuqa mill-konvenut Carmelo Gatt u assigurata*

*mal-konvenuta GasanMamo Insurance Limited, f'liema inċident l-attur sofra ġrieħi gravi, debilità permanenti u danni;*

2. *Illi dan l-inċident seħħ unikament bi ħtija tal-konvenut Carmelo Gatt minħabba negliġenza, imprudenza, traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu, partikolarment meta ddeċieda li jikser lejn l-ETC u għalhekk il-konvenut Carmelo Gatt huwa responsabbli għal dan l-inċident u għall-konsegwenzjali danni sofferti mill-attur Silvan Farrugia;*

3. *Illi l-konvenuta l-oħra Gasan Mamo Insurance Limited bħala assikuratriċi tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GAH 075 fil-mument tal-inċident, hija wkoll responsabbli li tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mill-attur a tenur tal-Ordinanza dwar l-Assikurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni – Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *Illi l-attur interpella lill-konvenuti sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni minnu sofferti b'konsegwenza tal-fuq imsemmi inċident inkluż b'ittra uffiċjali numru 4085/2016 tal-ħmistax ta' Diċembru 2016, iżda l-konvenuti baqgħu inadempjenti.*

5. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex għar-raġunijiet premessi dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni opportuna, m'għandhiex:*

i. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut Carmelo Gatt huwa responsabbli għall-inċident fuq imsemmi tat-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (2015) fi Triq Ħal Far, Birżebbugia, u għad-danni kollha sofferti mill-attur konsegwenza ta' dan l-inċident;*

ii. *Tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta GasanMamo Insurance Limited hija responsabbli in solidum mal-konvenut Carmelo Gatt versu l-attur għad-danni kollha sofferti mill-attur konsegwenza tal-istess inċident ai termini tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta;*

iii. *Tillikwida d-danni sofferti mill-attur konsegwenza tal-istess inċident;*

iv. *Tikkundanna u tordna lill-konvenuti sabiex in solidum bejniethom iħallsu lill-attur dawn id-danni hekk kif likwidati minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż kollha kompriżi dawk tal-ittri uffiċjali tal-15 ta' Frar 2017 kontra l-konvenuti li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti **Carmelo Gatt** (K.I. 631453M) u ta' **GasanMamo Insurance Limited** (C 3143) (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti"), li ġiet ippreżentata fit-23 ta' Mejju, 2017, u maħlufa minn Malcolm Aquilina (K.I. 295487M), għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta GasanMamo Insurance Limited, u kif debitament awtorizzat għan-nom tal-konvenut Carmelo Gatt, fejn ġie eċċepit:

1. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti u dan stante illi assolutament mhux minnu illi l-konvenut Carmelo Gatt kien b'xi mod jaħti għall-inċident in kwistjoni u dana hekk kif ser jiġu ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*
2. *Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għall-fuq premess, kull somma ta' danni pretiża mir-rikorrenti hija kkontestata, u r-rikorrenti għandu jressaq l-aħjar prova valida skont il-Liġi sabiex jipprova dak minnu allegat in linea ta' danni in konnessjoni ma' dan l-inċident u li juri li d-danni pretiżi minnu huma riżultat esklussiv tal-inċident mertu tal-kawża u tal-ebda inċident preċedenti, jew ta' xi pre-existing health condition illi seta' kien qed ibati minnha, jew ta' kwalunkwe ċirkostanza oħra;*
3. *Illi fl-aħħarnett, mingħajr preġudizzju għal fuq premess, l-esponenti jeċċepixxu illi f'każ ta' kwalunkwe likwidazzjoni ta' danni a favur ir-rikorrenti, għandha titnaqqas kull somma ta' benefiċċju u/jew kumpens illi r-rikorrenti diġà ħa jew ser jieħu minn sorsi oħrajn – ser pubbliċi kif ukoll privati – minħabba l-istess inċident mertu tal-kawża odjerna;*
4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-każ.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Lulju, 2019 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza, u fejn il-partijiet ingħataw il-fakoltà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

L-inċident mertu tal-kawża seħħ fi Triq Ħal Far, f'Birżebbugia, fit-30 ta' April, 2015, meta l-attur kien qiegħed isuq ir-rota waqt li kien qiegħed jagħmel taħriġ sabiex ikun jista' jipparteċipa fil-*Life Cycle Challenge.* Fil-ħin li seħħ l-inċident, il-konvenut inzerta kien qiegħed isuq lejn l-uffiċini ta' JobsPlus mid-direzzjoni ta' Birżebbugia sabiex jiġbor lill-mara tiegħu, impjegata fl-istess uffiċċju, meta għal xi raġuni seħħ l-inċident fejn l-attur safa mtajjar minn fuq ir-rota li kien qiegħed isuq. L-attur jgħid li minkejja li fil-ħin tal-inċident huwa kien liebes ilbies protettiv, dan ma kienx biżżejjed biex jipproteġih milli jsofri ġrieħi gravi b'konsegwenza tal-inċident imsemmi, u jgħid li minħabba f'dawn il-ġrieħi hu għadu jbati minn diversi debilitajiet ta' natura permanenti, kif jirriżulta anki mid-diversi rapporti mediċi li ġew esebiti fl-atti tal-kawża. L-attur jgħid li dan l-inċident seħħ minħabba negliġenza, imprudenza, traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti da parti tal-konvenut. L-attur qiegħed jitlob li l-Qorti tiddikjara li l-konvenut għandu jinżamm responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża, u li jiġu likwidati d-danni sofferti minnu.

Fir-risposta tagħhom il-konvenuti wieġbu li t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u li m'hemmx lok li l-konvenut jinżamm responsabbli għall-

imsemmi inċident. Ġie eċċepit ukoll li kwalunkwe talba għad-danni mill-attur qiegħda tiġi kkontestata, u f'każ li l-Qorti tgħaddi biex tiddeċiedi li hemm lok ta' ħlas ta' danni mill-konvenuti, mid-danni likwidati għandu jitnaqqas kwalunkwe benefiċċju soċjali u ħlas ieħor li l-attur seta' rċieva in segwitu għall-inċident inkwistjoni.

**Provi u riżultanzi**

Flimkien mar-Rikors Maħluf, l-attur ippreżenta kopja tal-proċess verbali mill-atti tal-Inkjesta Maġisterjali li nżammet wara l-inċident mertu tal-kawża.[1] Minn dan il-proċess verbali, jirriżulta li l-attur kien qiegħed isuq ir-rota tiegħu fi Triq Ħal Far, fid-direzzjoni lejn Birżebbugia mid-direzzjoni tal-Ajruport, meta safa mtajjar mill-vettura misjuqa mill-konvenut. Konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attur kien fil-periklu li jitlef ħajtu. Mill-atti tal-proċess verbali jirriżulta wkoll li in segwitu għall-imsemmi inċident, il-konvenut ġie akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fost l-oħrajn, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, kkaġuna ġrieħi gravi fuq il-persuna tal-attur, li saq b'manjiera traskurata u perikoluża, u li ma ħax il-prekawzjonijiet meħtieġa meta ġie biex jikser sabiex jidħol fi triq sekondarja. L-attur ippreżenta wkoll kopja ta' ittra uffiċjali li bagħat lill-konvenut fit-12 ta' Diċembru, 2016[2], fejn interpellah sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-imsemmi inċident.

[1] *A fol.* 6 *et seq.* tal-proċess.
[2] *A fol.* 13 tal-proċess.

Fl-*affidavit* tiegħu l-attur **Silvan Farrugia**[3] qal illi l-inċident inkwistjoni seħħ fit-30 ta' April, 2015 ftit wara s-sebgħa ta' filgħaxija, waqt li kien qiegħed isuq ir-rota fi Triq Ħal Far, Birżebbugia. Ix-xhud qal li dakinhar it-temp kien tajjeb, u kien qiegħed jitħarreġ biex jipparteċipa f'maratona ta' ċikliżmu sabiex jiġu assistiti persuni morda, il-*Life Cycle Challenge*. L-attur qal li fil-ħin li seħħ l-inċident, ix-xemx kienet għadha ma niżlitx, u t-triq li kien għaddej minnha kienet it-triq prinċipali ta' Ħal Far, li għandha żewġ karreġġjati, waħda kontra l-oħra. L-attur spjega li hu kien għaddej min-naħa tax-xellug tat-triq, u xħin ġie quddiem il-bini ta' JobsPlus, ġiet vettura ta' lewn abjad mid-direzzjoni opposta, u kisret eżatt għal quddiemu biex tidħol fl-entratura li kien hemm fuq in-naħa tiegħu.[4] L-attur spjega li din il-vettura kisret f'daqqa għal fuq il-karreġġjata tiegħu, u hu għafas il-*brake* f'salt sabiex jevita li jaħbat ma' din il-vettura. L-attur qal li minkejja dan, huwa safa mtajjar bil-konsegwenza li sab ruħu fit-triq, bid-demm ħiereġ, b'uġigħ kbir u b'diversi ġrieħi oħra ma' ġismu kollu. L-attur qal li fil-ħin li seħħ l-inċident huwa kien liebes il-*helmet* u l-*gear* taċ-ċiklisti, u kien liebes ukoll nuċċali protettiv. L-attur qal li mad-daqqa l-elmu li kien liebes tfarrak, u ma setax jiċċaqlaq, kien muġugħ ħafna u kien taħt xokk kbir. Żied jgħid li konsegwenza ta' dan l-inċident spiċċa tilef ħafna demm u beda jaqta' nifsu, u għal xi ħin beda jibża' li kien ser jitlef ħajtu. Żied jgħid li wara sar jaf li fil-fatt għal xi ħin kien hemm il-periklu li kien seta' jitlef ħajtu. L-attur qal li ftit wara li seħħ l-inċident, ittieħed l-Isptar Mater Dei b'ambulanza, u b'kollox dam aktar minn tliet xhur rikoverat fl-Isptar Mater Dei u fl-Isptar Karen Grech. Qal li fiż-żmien meta kien rikoverat l-isptar, sarulu għadd ta' interventi, minħabba ksur fil-geddum, fis-snien, fi spalltu, fil-kustilji, toqba fil-

---

[3] *A fol.* 30 tal-proċess.
[4] Waqt il-kontro-eżami tal-attur, dan ippreċiża li l-vettura misjuqa mill-konvenut ma kinitx ta' lewn abjad, iżda kienet ta' lewn skur.

pulmun u ksur fix-xewka ta' dahru. L-attur qal li konsegwenza tal-ġrieħi li ġarrab, la seta' jiċċaqlaq u lanqas seta' jimxi għal tul ta' żmien. L-attur qal li konsegwenza ta' dan l-inċident ħajtu nbidlet, u beda jesperjenza diversi restrizzjonijiet li qatt ma kellu qabel. Fost l-attivitajiet li kellu jwaqqaf kien hemm il-prattika tas-sengħa ta' mastrudaxxa, il-mixi fil-kampanja, u ċertu attivitajiet sportivi, liema restrizzjonijiet wassluh għal problemi psikjatriċi u beda jsofri minn dipressjoni u ansjetà. L-attur kompla jgħid li l-konsegwenzi tal-inċident u l-effetti li dan ħalla fuq saħħtu u fuq ħajtu, affettwawh sal-punt li hu u l-mara tiegħu llum qegħdin fi proċess ta' separazzjoni. L-attur qal li hu għandu ġrieħi permanenti f'dahru li huwa konxju ħafna minnhom, u sikwit ikun muġugħ u jkollu jieħu trattament għall-uġigħ. Qal li minkejja li ħareġ mill-Isptar Karen Grech f'Lulju tal-2015, huwa xorta waħda ma setax jirritorna x-xogħol immedjatament, u kien għamel żmien konsiderevoli ma jaħdimx, bir-riżultat li tilef ħafna flus. L-attur qal li għamel żmien twil jattendi għal sessjonijiet tal-fiżjoterapija fi klinika privata. Fost id-danni materjali li sofra l-attur, hemm l-ispejjeż tal-*gear* protettiv li kien liebes waqt il-ħin tal-inċident, spejjeż għax-xiri ta' vettura *automatic* peress li ma setax jibqa' jsuq il-vettura li kellu qabel l-inċident, u spejjeż biex bidel il-bieb tal-garaxx u għamel wieħed *automatic.* Flimkien mal-*affidavit* tiegħu, l-attur ippreżenta kopja tar-rapport tal-Pulizija fir-rigward tal-inċident inkwistjoni[5]; kopji tal-formoli tal-FS3 rigward l-introjtu tiegħu għaż-żmien li seħħ l-inċident[6]; kopja taċ-ċertifikat tal-assigurazzjoni tal-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' reġistrazzjoni GAH 075[7]; kopja ta' *email* li l-konsulent legali tal-attur bagħat lis-soċjetà assikuratriċi konvenuta[8]; kopja ta' rċevuta maħruġa minn F.G.P. Limited għall-

[5] *A fol.* 36 tal-proċess.
[6] *A fol.* 40 tal-proċess.
[7] *A fol.* 43 tal-proċess.
[8] *A fol.* 46 tal-proċess.

bejgħ ta’ bieb ta’ garaxx lill-attur, li sewa €1,083[9]; kopja tal-*case summary* li ngħatat lill-attur mar-rilaxx tiegħu mill-isptar, flimkien mal-*case summaries* li ngħataw lill-attur kull darba li kellu bżonn jerġa’ jiġi rikoverat u kull darba li għamel xi intervent in segwitu għall-inċident inkwistjoni.[10] L-attur ippreżenta wkoll iċ-ċertifikati mediċi għaż-żmien kollu li matulu hu ma setax jirrapporta għax-xogħol.[11]

Waqt l-udjenza tas-6 ta’ Novembru, 2017, xehed **PS 816 Shaun Vassallo**[12], li ppreżenta kopja tar-rapport li kien ħejja wara li seħħ l-inċident inkwistjoni.[13] Waqt l-udjenza tal-4 ta’ Diċembru, 2017 xehed il-**PL Mario Buttigieg**[14], li qal li hu kien ġie inkarigat biex iħejji rapport mill-Maġistrat Inkwirenti. Ix-xhud spjega li l-inċident inkwistjoni seħħ fit-30 ta’ April, 2015, għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta’ filgħaxija. Ix-xhud qal li l-inċident seħħ waqt li l-attur kien qiegħed isuq ir-rota fid-direzzjoni lejn Ħal Far, waqt li mid-direzzjoni opposta kienet ġejja vettura tal-għamla Ford Escort, bin-numru ta’ reġistrazzjoni GAH 075, li kienet qiegħda tinstaq mill-konvenut, u l-partijiet iltaqgħu fl-inkroċju tal-entratura ta’ JobsPlus.[15] Fil-parti konklussiva tar-rapport tiegħu, ix-xhud ikkonstata illi:

> “... jirriżulta li dan l-inċident seħħ fil-parti d-dritta tat-triq u għaldaqstant il-viżibilità tas-sewwieqa ma kinitx ristretta minn ebda ostakli. Illi għalkemm kuntatt ma sarx bejn il-vettura u r-rota l-esponent huwa tal-fehma illi meta Gatt kien qed jikser għal ġol-entratura tal-ETC hu kellu jieħu aktar prekawzjoni. Illi minħabba f’hekk huwa ostakola lil Farrugia li kien għaddej fi triqtu u kkawża l-inċident.”

[9] *A fol.* 47 tal-proċess.
[10] *A fol.* 50 *et seq.* tal-proċess.
[11] *A fol.* 68 *et seq.* tal-proċess.
[12] *A fol.* 124 tal-proċess.
[13] *A fol.* 125 tal-proċess.
[14] *A fol.* 131B tal-proċess.
[15] Kopja tar-rapport tal-PL Mario Buttigieg jinsab esebit *a fol.* 132 tal-proċess.

Permezz ta' nota ppreżentata fl-4 ta' Diċembru, 2017, l-attur ippreżenta għadd ta' irċevuti ta' spejjeż li kellu jagħmel b'konsegwenza tal-inċident.[16]

Waqt l-udjenza tad-29 ta' Jannar, 2018 xehed il-**Perit Richard Aquilina**[17], li qal li meta aċċeda fuq is-sit fejn seħħ l-inċident, kien sab xi affarijiet imċappsin bid-demm, filwaqt li r-rota li kien qiegħed isuq l-attur kienet diġà tneħħiet minn fuq il-post. Ix-xhud qal li dakinhar li seħħ l-inċident, it-triq kienet xotta u mdawla. Ix-xhud esebixxa kopja tar-rapport li kien ħejja fl-atti tal-Inkjesta maġisterjali[18], flimkien mal-pjanta tas-sit fejn seħħ l-inċident.

Waqt l-istess udjenza xehed **Dr Mario Scerri**[19], li esebixxa kopja tar-relazzjoni li ħejja fl-atti tal-Inkjesta, flimkien ma' għadd ta' ritratti. Ix-xhud ikkonstata li l-attur sofra diversi ġrieħi konsegwenza tal-inċident inkwistjoni, fosthom ksur fl-irkiekel ta' dahru, ksur fil-kustilji, tbenġil fil-pulmun, ksur fl-ispalla, kif ukoll ħsara fis-sinsla tad-dahar li wasslet biex il-perijodu meta l-attur ġie rikoverat kien wieħed twil.[20]

Fl-*affidavit* tagħha, mart l-attur **Catherine Farrugia**[21], qalet li fit-30 ta' April, 2015, kienet irċeviet telefonata fejn ġiet infurmatha li żewġha kellu inċident waqt li kien qiegħed isuq ir-rota. Ix-xhud iddeskriviet kif fiż-żmien li seħħ l-inċident hi u żewġha kellhom żewġt itfal żgħar ta' erbgħa snin u sentejn. Qalet li kif waslet l-isptar hi sabet il-bieb ta' fejn kien jinsab żewġha magħluq, u

[16] *A fol.* 149 *et seq.* tal-proċess.
[17] *A fol.* 182 tal-proċess.
[18] *A fol.* 185 tal-proċess.
[19] *A fol.* 190 tal-proċess.
[20] Fil-parti konklussiva tar-rapport tiegħu, ix-xhud ikkonkluda illi: "... [l-attur] l-estremitajiet inferjuri ma setax iċaqlaqhom għar-raġuni li kellu dawk il-fratturi deskritti illi kienu jagħfsu fuq l-i*spinal canal;* il-fratturi l-oħra huma ta' natura gravi *per durata*; (l-attur) kellu jiġi operat sabiex jiġi *released* l-i*spinal cord*; wara l-operazzjoni kellu sensazzjoni fl-estremitajiet inferjuri u beda jċaqlaq minimament l-estremitajiet inferjuri; il-kondizzjoni tiegħu qalbet għall-aħjar u eventwalment ġie trasferit l-Isptar Karen Grech għar-*rehabilitation* u llum il-ġurnata jimxi ftit u b'diffikultà".
[21] *A fol.* 197 tal-proċess.

semgħet għajjat u krib minn ġewwa, u kien hemmhekk li rrealizzat li żewġha kien weġġa' gravi. Ix-xhud qalet li t-tobba mill-ewwel infurmawha li żewġha kien f'kundizzjoni gravi, u kien fil-periklu li jitlef ħajtu konsegwenza tal-imsemmi inċident. Ix-xhud ġiet infurmatha li x'aktarx l-attur kien ittaqqablu l-pulmun u sofra daqqa kbira f'wiċċu, kif ukoll ksur f'diversi partijiet ta' ġismu. It-tobba qalulha wkoll li parti mill-ksur kien qiegħed jagħfas fuq is-sinsla ta' dahar l-attur, u għalhekk kien hemm riskju li l-attur jaqbdu *spinal shock* u jitlef ħajtu. Ix-xhud qalet li kif irnexxielha tkellem lil żewġha, mill-ewwel irrealizzat li kien ser ikollu bżonn diversi interventi sabiex jirkupra saħħtu. Ix-xhud qalet li mill-ħin li seħħ l-inċident, il-ħajja fil-familja tagħhom inqalbet ta' taħt fuq, kemm għax żewġha kellu bżonn diversi interventi li kienu riskjużi ħafna, kif ukoll għax dan kien qiegħed ikun muġugħ għal ħin twil. Ix-xhud qalet li meta żewġha ħareġ mit-Taqsima tal-Kura Intensiva, kellu bżonn ħafna għajnuna peress li kien tilef is-sensazzjoni minn waħda minn saqajh. Ix-xhud kompliet tgħid kif wara perijodu rikoverat l-Isptar Mater Dei, żewġha ttieħed l-Isptar Karen Grech fejn beda perijodu ta' riabilitazzjoni. Qalet li anki meta rritorna lura d-dar, żewġha kien għadu ma rkuprax saħħtu, u kellu bżonn ħafna għajnuna peress li l-mobilità tiegħu kienet ristretta. Żiedet tgħid li konsegwenza tal-imsemmi inċident, żewġha nħakem minn dipressjoni qawwija, kien jgħejja malajr, u l-kwalità ta' ħajja tiegħu, missier ta' żewġt itfal żgħar, ġiet affettwata negattivament minn kull aspett. Ix-xhud qalet li wara l-inċident ir-raġel tagħha għamel sena sħiħa ma jaħdimx, filwaqt li hi kellha taħdem ammont ta' sigħat imnaqqsa sabiex tkun tista' tassisti lil żewġha. Ix-xhud qalet li kien biss madwar xahar u nofs wara li żewġha reġa' beda jimxi, iżda ftit taż-żmien wara nqalgħulu kumplikazzjonijiet minħabba li l-ħadid li kellu f'dahru kien inqasamlu, u għalhekk kellu bżonn intervent kirurġiku ieħor

u perijodu ieħor ta' riabilitazzjoni u fejqan. Mart l-attur ikkonkludiet ix-xhieda tagħha billi qalet li żewġha għadu jsofri minn diversi tbatijiet konsegwenza tal-inċident, partikolarment minħabba d-diversi limitazzjonijiet li qiegħed jesperjenza f'ħajtu.

L-attur ippreżenta rapport mediku redatt mill-konsulent ortopediku *ex parte* **Mr Massimo Abela**[22], li eżamina lill-attur, li kkonsulta r-riżultati tad-diversi testijiet mediċi li saru fuq l-attur, inkluż fl-Isptar Mater Dei, u wasal għall-konklużjoni li b'konsegwenza tal-imsemmi inċident, l-attur qiegħed isofri minn debilità permanenti ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) Fil-parti konklussiva tar-rapport tiegħu, ix-xhud qal:

> *"The most significant of the injuries was the unstable fracture of the thoracic vertebral column with involvement of the spinal cord. Although the vertebral fractures were stabilised surgically on admission to hospital, on 13/10/2016 he needed to be readmitted for revision of the previous posterior fusion and instrumentation, and corpectomy, bone grafting and insertion of a cage of the T7 vertebra. The fracture shave healed, however, the consequences of the contusion to the spinal cord persist. He continues to complain of intermittent pain in the thoracic-lumbar spine which radiates to the lower limbs. The pain is also associated with reduced sensation in the lower limbs and intermittent erectile dysfunction. Objective clinical signs elicited today include reduced mobility in the thoracic-lumbar spine, difficulty when walking on the heel and on tiptoes on the left, a sensory level at the T9 dermatome with reduced sensation below this point, and upper motor neurone signs in the lower limbs. These clinical findings are consistent with a diagnosis of an incomplete traumatic paraplegia. In view of the fact that his condition has not improved over the past year his disability is permanent."*

L-attur ippreżenta wkoll kopja tar-rapport imħejji minn **Dr Anthony Dimech**[23], konsulent psikjatriku *ex parte*, li kkonkluda li l-attur qiegħed isofri minn diżabilità psikjatrika permanenti fil-grad ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%).

[22] *A fol.* 202 tal-proċess.
[23] *A fol.* 209 tal-proċess.

Waqt l-udjenza tat-22 ta' Marzu, 2018 xehdu **PS 239 Joseph Caruana**, u **PC 1331 Darren Debattista**[24], sabiex jippreżentaw kopja tar-rapport imħejji minnhom b'rabta ma' dan l-inċident, flimkien ma' għadd ta' ritratti li huma ħadu sabiex jassistu fl-Inkjesta Maġisterjali li kienet saret, wara li kienu ġew maħtura bħala *scene of crime officers* mill-Maġistrat Inkwirenti. Wieħed minn dawn ix-xhieda qal li fuq il-post tal-inċident huma setgħu jaraw oġġetti bħall-elmu li kien liebes l-attur li kien imkisser u b'tiċpis tad-demm.[25]

Permezz ta' nota tal-24 ta' April, 2018, l-attur ippreżenta żewġ rapporti mediċi *ex parte*, wieħed tan-neurologu **Dr Anthony Galea Debono**, u l-ieħor tal-konsulent fid-dentistrija **Dr David Mifsud**. Dr Anthony Galea Debono, li eżamina lill-attur fit-3 ta' Marzu, 2018[26], għamel sunt tad-diversi interventi li saru fuq l-attur in segwitu għall-inċident inkwistjoni, u minkejja li kienu għaddew kważi tliet snin mid-data tal-inċident, ikkonstata li l-attur għadu jilmenta minn uġigħ differenti u problemi oħra li sofra minħabba fl-inċident. Fil-parti konklussiva tar-rapport tiegħu, Dr Galea Debono kkonkluda illi:

> *"There is no doubt that Mr Farrugia sustained a severe spinal cord lesion, and the disability is substantial. It is definitely of a permanent nature, and symptoms can actually worsen.*
>
> *A complete paraplegia is estimated as 70% permanent disability, in the case of Mr Farrugia, I estimate his permanent disability at 55%".*

Dr David Mifsud fir-rapport tiegħu[27] kkonstata li minkejja li l-attur ma tilef l-ebda snien waqt l-inċident, madanakollu xorta waħda kellu bżonn trattament restorattiv. Dan l-espert mediku wasal għall-konklużjoni li l-attur mill-aspett

---

[24] *A fol.* 225 *et seq.* tal-proċess.
[25] Vera kopja tar-rapport flimkien mar-ritratti *a fol.* 231 *et seq.* tal-proċess.
[26] *A fol.* 266 tal-proċess.
[27] *A fol.* 271 tal-proċess.

dentali qiegħed isofri debilità permanenti ta' tnejn fil-mija (2%)[28], filwaqt li kkonstata wkoll li n-natura tal-ħsarat li l-attur sofra f'ħalqu jistgħu jirrikjedu proċedura ta' impjanti dentali u *bone grafting* li l-ispiża biex dawn isiru fil-privat tammonta għal bejn tmint elef u ħames mitt Euro u għaxart elef Euro (€8,500 - €10,000).

Waqt l-udjenza tas-27 ta' Frar, 2018, il-Qorti ħatret bħala espert mediku ġudizzjarju lil **Mr Simon Degabriele**, speċalista fil-kirurġija plastika, sabiex wara li jeżamina lill-attur jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident imsemmi fir-Rikors Maħluf fuq saħħet l-attur u jekk konsegwenza tal-istess incident l-attur ġarrabx xi debilità permanenti mil-lat estetiku u f'liema grad. L-espert mediku ġudizzjarju Mr Degabriele ppreżenta r-relazzjoni tiegħu fit-18 ta' Ottubru, 2018, u wara li ddeskriva n-natura tal-leżjonijiet sofferti mill-attur, stqarr illi l-attur qiegħed isofri minn diżabilità permanenti fil-grad ta' ħamsa fil-mija (5%), liema rata ta' diżabilità permanenti hija biss mil-lat estetiku, u ma tinkludix forom oħra ta' diżabilità li jista' qiegħed isofri minnhom l-attur, fosthom dawk ortopediċi, fil-qasam tal-ENT, u dawk neuroloġiċi.[29]

Waqt l-udjenza tat-2 ta' Novembru, 2018 xehed **Mr Joseph Borg**[30], li qal li meta l-attur iddaħħal fit-Taqsima tal-Emerġenza tal-Isptar, ġie riferut lilu mill-ewwel minħabba fil-ksur evidenti fl-irkiekel ta' dahru, kif ukoll minħabba l-ħsara li sofra fis-sinsla ta' dahru, liema ħsara ma tissewwiex. Ix-xhud qal li l-intervent fuq l-attur kien jinvolvi t-tqegħid ta' tmien viti u tliet vireg ġo dahru, u wara kien hemm perijodu fejn l-attur baqa' jirkupra fl-isptar. Ix-xhud qal li

[28] Fi kliem l-espert mediku Dr. David Mifsud: *"In my opinion, the percentage permanent disability relevant to the accident in issue, that results from the fractures to the mandible and their sequelae account for 2% since the teeth were displaced as a result of the trauma sustained and have limited the comfort of biting and chewing normally."*
[29] *A fol.* 308 tal-proċess.
[30] *A fol.* 320 tal-proċess.

wara xi żmien ġie stabbilit li l-ksur li sofra l-attur ma kienx qagħad, u għalhekk kien hemm il-ħtieġa ta' intervent ieħor aktar serju minn ta' qabel, peress li kien jinvolvi t-tneħħija ta' kustilja, iċ-ċaqliq tal-qalb u l-pulmun, u d-dħul ta' qafas tal-ħadid li bidel wieħed mill-irkiekel miksura li kellu l-attur. Ix-xhud qal ukoll li l-aħħar darba li l-attur attenda fid-dipartiment tal-*outpatients* tal-isptar, kien madwar ġimgħa qabel id-depożizzjoni ta' dan ix-xhud, u dakinhar ġie stabbilit li dan għadu jsofri minn diversi problemi.

Waqt l-istess udjenza xehdet **Doris Vella Cassia**, mill-Isptar Mater Dei, li ppreżentat kopja ta' partijiet mill-*file* mediku tal-attur.[31]

Permezz ta' nota tat-28 ta' Novembru, 2018, l-attur ippreżenta kopja legali ta' estratti mill-Kumpilazzjoni numru 670/2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Carmelo Gatt**[32], f'liema proċeduri l-konvenut kien ġie akkużat li dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, huwa wera nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni, nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu, jew naqas milli jħares ir-regolamenti, u minħabba f'hekk ikkawża danni fuq il-persuna tal-attur, talli saq b'mod traskurat u perikoluż, kif ukoll talli ma ħax il-prekawzjonijiet meħtieġa meta ġie biex jikser sabiex jidħol fi triq sekondarja.

Il-kontroeżami tal-attur sar waqt l-udjenza tal-11 ta' Jannar, 2019[33], fejn l-attur spjega li dakinhar tal-inċident huwa kien qiegħed isuq rota tal-għamla '*Rota Scot',* li hija tip ta' rota li tintuża fit-tlielaq. L-attur spjega li t-tip ta' *tyres* użati fuq roti bħal dawn huma apposta għall-użu fuq *road bikes,* u jkunu rqaq minn tal-*mountain bikes.* L-attur qal li dakinhar li seħħ l-inċident huwa kien

[31] *A fol.* 322 *et seq.* tal-proċess.
[32] *A fol.* 345 *et seq.* tal-proċess.
[33] *A fol.* 457 tal-proċess.

qiegħed jitħarreġ sabiex ikun jista' jippartecipa fil-*Life Cycle,* u kien qiegħed isuq bil-mod sabiex ikun jista' jibni l-istamina tiegħu. Qal li r-rota li kien qiegħed isuq kienet mgħammra bi *speedometer,* sabiex ikun jista' jkejjel ir-rata tat-taħbit ta' qalbu. L-attur qal li minn dak li jiftakar, fil-ħin tal-inċident huwa kien għaddej b'gerijiet baxxi. Qal ukoll li hu familjari mat-triq fejn seħħ l-inċident, li hija l-parti tat-triq ta' qabel tidħol għall-uffiċini tal-JobsPlus. L-attur spjega wkoll li fit-triq fejn seħħ l-inċident hemm *bicycle lane,* u dak il-ħin fit-triq ma kienx hemm ħafna traffiku. Qal li ħin minnhom, quddiem id-daħla ta' JobsPlus, tfaċċat vettura li ma kellhiex l-*indicator* mixgħul, sakkritlu t-triq biex jgħaddi, u dak il-ħin għafas il-brejkijiet tar-rota sabiex jevita li jkun hemm impatt, bir-riżultat li spiċċa tar minn fuq ir-rota. Ix-xhud qal li ma kien hemm l-ebda kuntatt bejn ir-rota u l-vettura misjuqha mill-konvenut. L-attur qal li minkejja li reġa' beda juża r-rota għall-eżerċizzju, għandu bżonn apparat speċjali biex ikun jista' jagħmel dan, u m'hemm l-ebda paragun bejn it-tip ta' taħriġ li kien jagħmel u l-istamina li kellu qabel l-inċident, ma' dak li jista' jagħmel issa.

L-espert mediku ġudizzjarju, in-neurologa **Dr Josanne Aquilina**, li ġiet maħtura sabiex wara li teżamina lill-attur, tirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident mertu tal-kawża fuq saħħet l-attur, ippreżentat ir-relazzjoni tagħha fl-14 ta' Jannar, 2019.[34] Ix-xhud qalet li mill-istorja li tirriżulta mill-*file* mediku tal-attur, kif ukoll minn dak li jirriżulta mit-testijiet li saru minnha, ikkonkludiet li l-attur sofra trawma severa fis-sinsla tad-dahar, li wasslet għal ħsara fuq in-nerv tas-sinsla. Konsegwenza ta' dan, l-attur għadu jbati minn *spastic parapareses* b'għebusija, *spasms* u *clonus* u jkun hemm drabi meta jesperjenza diffikultajiet fil-mixi, nuqqas ta' sensazzjoni f'partijiet minn ġismu, u

[34] *A fol.* 467 tal-proċess.

diffikultajiet oħra relatati. Din l-esperta medika ġudizzjarja waslet għall-konklużjoni li l-leżjoni sofferta mill-attur hija waħda severa, u kkawżatlu debilità permanenti ta' ħamsa u ħamsin fil-mija (55%).

Il-kontroeżami tal-attur tkompla waqt l-udjenza tal-25 ta' Frar, 2019[35], fejn dan ikkonferma li minkejja li qabel seħħ l-inċident huwa kien diġà jbati mid-dipressjoni, wara l-inċident beda jbati ferm aktar mill-ansjetà partikolarment meta jiftakar f'dak li għadda minnu. Huwa kompla jispjega li filwaqt li qabel l-inċident kien jieħu mediċina għal din il-problema, wara l-inċident hu kellu jżid id-doża tal-mediċini li jieħu. L-attur ikkonferma li wara l-inċident kien għamel sena ma jaħdimx, u l-uniku benefiċċju soċjali li ħa f'dan iż-żmien kien il-ħlas tas-*sick leave* skont iċ-ċertifikati li kien jippreżenta. L-attur qal li meta xtara vettura *automatic,* kellu jonfoq is-somma ta' sebat elef Euro (€7,000) u jbiegħ il-vettura li kellu, li ma baqax jista' jsuqha minħabba d-diversi limitazzjonijiet li qiegħed jesperjenza.

Waqt l-udjenza tal-21 ta' Marzu, 2019, sar il-kontroeżami ta' **Catherine Farrugia**[36], li qalet li għalkemm illum il-ġurnata hija u l-attur huma separati, xorta waħda għad għandhom relazzjoni tajba bejniethom, u għalhekk taf l-attur minn xiex inhu għaddej konsegwenza ta' dak li għadda minnu meta kellu l-inċident. Ix-xhud ikkonfermat li qabel l-inċident żewġha kien ibati minn dipressjoni, iżda wara l-inċident il-kundizzjoni tiegħu marret lura ħafna, u beda jesperjenza diversi biżgħat, *mood swings,* u dipressjoni. Ix-xhud qalet li żdied ukoll l-ammont ta' pilloli li l-attur kellu jieħu. Ix-xhud qalet li wara l-inċident żewġha għamel perijodu twil id-dar ma jiċċaqlaqx, u kellu jbiddel l-karozza li jsuq peress li ma setax isuq aktar karozza bil-*clutch*.

[35] *A fol.* 480 tal-proċess.
[36] *A fol.* 491 tal-proċess.

Waqt l-udjenza tal-21 ta' Marzu, 2019, sar il-kontroeżami tal-**PL Mario Buttigieg**[37], li qal li fir-relazzjoni tiegħu, ikkonsidra t-triq mill-perspettiva tal-konvenut li kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu. Ix-xhud qal li l-konvenut kien infurmah li kien waqaf sabiex jikser fuq in-naħa tal-lemin tiegħu. Żied jgħid li minkejja li t-triq inkwistjoni hija waħda dritta, il-viżibilità kemm għas-sewwieq kif ukoll għaċ-ċiklist hija waħda kemxejn limitata minħabba liwja li hemm fit-triq. Ix-xhud ikkonferma li minn dak li seta' jikkonstata, ma kien hemm l-ebda impatt bejn ir-rota u l-vettura, u kulma kien hemm fuq ir-rota kien sliħ mal-manubriji (*handle bars*), filwaqt li fuq il-vettura misjuqa mill-konvenut ma kien hemm l-ebda daqqiet jew sinjali li kien hemm xi kuntatt.

Waqt l-udjenza tal-15 ta' April, 2019 xehed **Lawrence Bugeja**[38], mill-Isptar Mater Dei, li esebixxa kopja tal-*file* mediku tal-attur fl-intier tiegħu.[39]

Fl-*affidavit* tiegħu l-konvenut[40] qal li dakinhar li seħħ l-inċident kien qiegħed isuq minn Birżebbuġia fid-direzzjoni lejn l-Ajruport, u l-inċident seħħ fi Triq Ħal Far, Birżebbugia. Il-konvenut qal li huwa familjari ma' din it-triq, u ilu jgħaddi minnha prattikament kuljum għal madwar tmienja u għoxrin (28) sena. Qal li t-triq hija waħda twila u għal min ikun sejjer lejn l-Ajruport hemm parti ġejja għat-telgħa, filwaqt li t-triq hija kemxejn għan-niżla għal min ikun ġej mid-direzzjoni opposta. Ix-xhud qal li fil-ħin tal-inċident ix-xemx kienet waslet biex tinżel, u hu għamel manuvra biex jikser fuq il-lemin tiegħu minħabba li ried jidħol fl-entratura prinċipali tal-bini ta' JobsPlus, fejn kienet taħdem il-mara tiegħu. Il-konvenut spjega li dak il-ħin fit-triq ma kienx hemm ħafna traffiku, u qabel kiser assigura ruħu li ma kien ġej ħadd mid-direzzjoni opposta, qabel

[37] *A fol.* 495 tal-proċess.
[38] *A fol.* 502A tal-proċess.
[39] *A fol.* 504 *et seq.* tal-proċess.
[40] *A fol.* 950 tal-proċess.

beda jaqsam it-triq b'veloċità relattivament baxxa sabiex jidħol fl-entratura ta' JobsPlus. Qal li wara li kien effettivament daħal fl-entratura ta' JobsPlus u saħansitra qabeż il-*barrier* ta' JobsPlus, sema' ħoss bħal ta' *crash helmet* jaħbat, waqaf mill-ewwel u niżel mill-vettura li kien qiegħed isuq sabiex jara x'ġara, u kien hemmhekk li sab lill-attur mal-art. Qal li dak il-ħin ppanikkja u talab lis-*security guard* ta' JobsPlus jċempel għall-għajnuna. Qal li hu baqa' fuq il-post sakemm waslu l-pulizija u l-paramediċi, u meta waslu l-esperti tal-Qorti, dawn bdew jgħidu li fuq il-vettura tiegħu ma kien hemm ebda sinjali ta' impatt.

Waqt l-udjenza tal-15 ta' Mejju, 2019 xehed **Ivan Cilia**, rappreżentant mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali[41], li qal li fil-perijodu bejn is-7 ta' Mejju, 2015 u l-31 ta' Diċembru, 2015, l-attur kien qiegħed jippreżenta ċertifikati blù li ma setax jattendi għax-xogħol, u għalhekk kien jitħallas il-benefiċċju tal-mard minħabba li kellu biżżejjed kontribuzzjonijiet imħallsin. Qal li fis-27 ta' Diċembru, 2016, l-attur kien applika wkoll għal *severe disability pension,* iżda l-bord li eżamina t-talbiet tal-attur kien irrifjuta l-applikazzjoni tiegħu. Ix-xhud żied jgħid li sussegwentement l-attur reġa' applika għal *disability assistance* fuq xi ħaġa oħra, u din id-darba l-applikazzjoni tiegħu ġiet milqugħha, u beda jingħata din it-tip ta' assistenza b'effett mid-9 ta' Ġunju, 2018. Ix-xhud spjega li ladarba kien hemm din id-deċiżjoni mill-bord mediku, l-attur ser jibqa' jirċievi din it-tip ta' assistenza fuq bażi permanenti, u din it-tip ta' assistenza ser tibqa' titħallas lill-attur anki jekk dan ikun impjegat bi qligħ.[42]

---

[41] *A fol.* 956 tal-proċess.
[42] Dokumenti esebiti *a fol.* 959 u 960 tal-proċess.

Waqt l-udjenza tal-15 ta' Mejju, 2019 xehed **Dr Anthony Dimech**[43], li qal li l-attur kien ilu taħt il-kura tiegħu minn Jannar tal-2017. Ix-xhud qal li anki jekk l-attur kien ibati minn xi forma ta' dipressjoni qabel seħħ l-inċident, meta eżamina lill-attur irriżultalu li dan kellu xi ħaġa ferm aktar severa minn xi kundizzjoni li wieħed jista' jibda jsofri minnha minħabba l-istress tal-ħajja ta' kuljum. Fi kliem ix-xhud:

> "... meta rajtu kien *much more severe* milli *emotionally disturbed than* dik il-ftit *mild depression* li semmejna jiġifieri dik ma nistax nikkummenta fuqha ħlief xi ħaġa li kien semmieli hu billi jien staqsejtu biex nara l-kuntest ta' x'kienet id-differenza li kien hemm minn qabel l-inċident u wara.
>
> ...
>
> L-ewwel darba li rajtu kien hemm *significant mental disturbance in the context of major difficulties in his life and major changes that disrupted his whole lifestyles in various domains* jiġifieri dan kien persuna, missier ta' familja, jaħdem fil- ..., kien jagħmel xogħol ta' *woodwork,* u kellu passjoni għas-*cycling* li kien f'livell għoli tant li kien qed jittrenja għal-*Life Cycle* li tinvolvi, *it is quite an endurance race.* Ukoll kien imdaħħal fiċ-ċiklu tal-isports lokali. ... L-effetti li kellu, il-bidla li kien hemm *secondary to the injuries, significantly effected his functions in various domains in his life and understandably his emotional reaction reflected this."*

Ix-xhud qal li kien in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li huwa kien stabbilixxa li l-attur qiegħed ibati minn rata ta' debilità psikoloġika permanenti ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%).

Permezz ta' nota tat-3 ta' Ġunju 2019, l-attur ippreżenta għadd ta' ċertifikati mediċi ulterjuri fir-rigward taż-żmien meta ma setax imur x-xogħol.[44]

Il-kontroeżami tal-konvenut sar waqt l-udjenza tal-15 ta' Lulju, 2019[45], fejn ikkonferma li fil-ħin li seħħ l-inċident huwa kien qiegħed isuq lejn l-ETC mid-

[43] *A fol.* 961 tal-proċess.
[44] *A fol.* 968 *et seq.* tal-proċess.

direzzjoni ta' Birżebbuġia. Il-konvenut ikkonferma li dik il-parti tat-triq hi dritta, u li kellu viżwali tajba ta' dak li kien hemm quddiemu. Il-konvenut qal li fil-ħin li kien ser jikser lejn il-bini ta' JobsPlus, huwa kien qiegħed fuq it-tieni *gear,* u qal ukoll li huwa ma kienx ra lill-attur qabel ma induna li kien laqat lil xi ħadd -

> Avukat: "Taqbel miegħi illi inti qabel l-inċident lil Silvan Farrugia, il-vittma, qatt ma rajtu fit-triq, intbaħt bih biss wara l-inċident?"
>
> Xhud: "Qatt u qatt ma kont nafu u qatt ma rajtu."
>
> Avukat: "Mhux dik id-domanda. Fit-triq dak il-ħin ..."
>
> Xhud: "Le ma rajtux."
>
> Avukat: "Jiġifieri int intbaħt li kien hemm Silvan Farrugia fit-triq dak il-ħin biss wara li ħriġt mill-karozza wara l-aċċident."
>
> Xhud: "Meta dħalt kont xi ħames metri 'l ġewwa, smajt ħoss, ħriġt u rajtu mal-art. ..."

## **<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

F'dawn il-proċeduri l-Qorti għandha l-ewwel tevalwa l-provi kollha miġjuba quddiemha sabiex tasal biex tiddetermina l-kwistjoni tar-responsabbilità għall-inċident inkwistjoni. Mill-provi ġie stabbilit li l-inċident inkwistjoni seħħ fit-30 ta' April, 2015 fi Triq Ħal Far, Birżebbugia, waqt li l-attur kien qiegħed isuq ir-rota huwa u jagħmel taħriġ sabiex ikun jista' jipparteċipa fil-*Life Cycle Challenge,* filwaqt li l-konvenut kien ġej mid-direzzjoni ta' Birżebbugia. Il-partijiet iltaqgħu fl-inkroċju tad-daħla għal JobsPlus, fejn il-konvenut kien sejjer biex jiġbor lil martu li kienet qiegħda taħdem bis-sahra fl-uffiċċju ta' JobsPlus. Mill-provi jirriżulta fil-ħin li seħħ l-inċident, ix-xemx kienet għadha ma niżlitx, it-temp kien tajjeb u t-triq kienet xotta, u fit-triq ma kienx hemm ħafna traffiku. Jirriżulta ppruvat ukoll li fil-ħin li seħħ l-inċident l-attur kellu

[45] *A fol.* 977 tal-proċess.

fuqu ilbies u tagħmir protettiv, fosthom ħwejjeġ b'kulur jgħajjat, u elmu u nuċċali protettivi, u minkejja dan, il-konvenut xehed li ma kienx ra lill-attur fit-triq, qabel wasal fid-daħla prinċipali tal-bini tal-ETC, sema' ħoss, niżel mill-karozza u induna li kien hemm xi ħadd mal-art fit-triq.

Il-konvenut xehed li l-inċident seħħ proprju meta kiser mit-triq prinċipali u pprova jidħol fit-triq sekondarja li tagħti għall-bini ta' JobsPlus. Il-konvenut qal li dak il-ħin hu kien għaddej b'veloċità baxxa minħabba li kien ser jaqsam it-triq prinċipali sabiex jidħol fil-bini ta'JobsPlus fuq in-naħa l-oħra tat-triq, u mill-provi prodotti jirriżulta, kemm mix-xhieda li ta waqt l-Inkjesta Maġisterjali, kif ukoll minn dak li xehed waqt din il-kawża, il-konvenut insista li hu fl-ebda ħin ma kien ra lill-attur qabel seħħ l-inċident.

Il-Qorti tqis li minkejja li l-partijiet it-tnejn li huma kkonfermaw li ma kinux għaddejjin b'veloċità eċċessiva, il-konsegwenzi ta' dan l-inċident kienu traġiċi ferm għall-attur, li sofra diversi debilitajiet permanenti serji, kif jirriżulta mid-diversi rapporti mediċi li ġew esebiti fl-atti ta' dawn il-proċeduri. Jirriżulta wkoll mill-provi li minkejja d-diversi interventi kirurġiċi li saru fuq l-attur, dan għadu jbati minn diversi problemi, li lkoll qegħdin jaffettwawlu l-kwalità ta' ħajja li jista' jgħix, l-abbilità tiegħu li jaħdem, kif ukoll id-diversi delizzji li kellu bħall-prattika tal-isports.

Il-Qorti tqis li l-inċident inkwistjoni ma kienx iseħħ li kieku l-konvenut uża aktar prudenza fis-sewqan tiegħu, u ħa l-prekawzjonijiet dovuta qabel ipprova jagħmel il-manuvra li jikser fi triq sekondarja mit-triq prinċipali. Il-konvenut matul ix-xhieda tiegħu qal kemm-il draba li ma kienx ra lill-attur qabel seħħ l-inċident, u dan meta l-attur kien liebes ilbies li jispikka u jidher tajjeb fit-triq, meta l-art kienet xotta u l-kundizzjonijiet tat-temp kienu tajbin, u meta fit-triq

ma kienx hemm ħafna traffiku, b'mod li ma kien hemm assolutament xejn x'ixekkel lill-konvenut milli jintebaħ li fit-triq kien għaddej ċiklist fuq rota. Il-fatt li l-konvenut naqas li jara lill-attur ifisser li l-konvenut ma kienx qiegħed iżomm *proper lookout* waqt is-sewqan, u meta wasal fl-entratura tal-bini ta' JobsPlus spiċċa ħasad lill-attur, li pprova jżomm il-*brake* tar-rota tiegħu sabiex jevita li jkollu impatt mal-vettura misjuqa mill-attur, u konsegwentement l-attur spiċċa tar minn fuq ir-rota li kien qiegħed isuq. Il-Qorti tqis li dan in-nuqqas ta' *proper lookout,* magħdud mal-fatt li l-konvenut wera kunfidenza żejda u ma ħa l-ebda prekawzjoni meta pprova jaqsam it-triq prinċipali sabiex jidħol fit-triq sekondarja li tagħti għall-bini ta' JobsPlus, huma l-fatturi ewlenin li taw lok għall-inċident, u għalhekk il-konvenuti għandhom iwieġbu għall-ħsara kollha kkaġunata minn dan l-għemil.

L-obbligu li sewwieq għandu jżomm *a proper lookout* ingħata tifsira f'diversi insenjamenti tal-Qrati tagħna. Hekk pereżempju f'deċiżjoni fl-ismijiet **Pulizija *vs.* J.M. Laferla**[46], il-Qorti qalet illi:

> "min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara, ifisser li ma kienx qed iżomm *'a proper lookout'*."

F'deċiżjoni mogħtija minn Qorti barranija, spiss iċċitata mill-Qrati lokali hija dik fl-ismijiet **Neuhaus *vs.* Bastion Insurance Co. Ltd.**[47] fejn l-obbligu li jinżamm *'a proper lookout'* ġie mfisser bħala:

> *"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."*

---

[46] Qorti tal-Appell Kriminali, 17.06.1961.
[47] 1968, (1) SA 398 (A) 405H - 406A).

F'deċiżjoni oħra fl-ismijiet **Pulizija *vs.* Anthony Spiteri**[48], il-Qorti qalet illi:

> "*Driver* ta' karozza għandu innegabbilment, fost oħrajn, żewġ doveri: wieħed, dak li jżomm *a proper lookout* għall-vejikoli, *pedestrians*, u *road-users* oħra; l-ieħor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'pożizzjoni tali li jkollu f'kull ħin kontroll sewwa tal-vejikolu. Il-Qorti osservat "ma għandux jintesa illi l-aċċidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' *split second* u l-kontinġenzi tat-traffiku jistgħu jkunu subitanei u inaspettati. Dan hu ċertament sewqan negliġenti; u ma jistax biex jeskludih il-fatt illi t-triq kienet wiesgħa u illi traffiku ieħor ma kienx hemm fit-triq, u ċ-ċirkostanzi l-oħra tal-mument ... għal sewqan negliġenti ma hemmx bżonn tal-vjolazzjoni ta' normi ġuridiċi speċifiċi, imma biżżejjed li jkun hemm negliġenza, fis-sens ta' nuqqas ta' 'prudenza ordinarja' li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali."

F'sentenza fl-ismijiet **Joseph Zammit *vs.* Joseph Bonello et**[49], il-Qorti għamlet riferiment għal diversi insenjamenti ġurisprudenzjali, sabiex stabbiliet li kien hemm nuqqas ta' prudenza fis-sewqan li għandu jwieġeb għalih is-sewwieq:

> "Illi fir-rigward ta' *proper lookout* dan il-kunċett ifisser ferm aktar milli sewwieq ikun qed iħares 'il quddiem jew li jkollu viżwali ċara, iżda s-sewwieq irid ikollu '*an awareness of his immediate vicinity*' u ċioe li s-sewwieq irid ikun jaf x'qed jiġri madwaru u mhux sempliċiment iħares 'il quddiem b'mod ċass jew isuq bil-mod (Ara wkoll **P. Spiteri *vs* R. Caruana** App 5/10/98; **Maria Vella Galea *vs* Oresta Sammut** App. 5/10/98; **Dr Remigio Zammit Pace *vs* C. Grima**, App. Inf. 16/05/97; **A. Gatt *vs* M. Shephard,** App. Inf. 07/05/98). Għalhekk kull sewwieq irid jirregola s-sewqan tiegħu skont il-kundizzjonijiet u ċirkostanzi li jkun fihom, bħal ma huma l-ħin tal-ġurnata, il-viżwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-istat tal-art, il-volum tat-traffiku u rapport oħra kontinġenti (Ara. Vol. XLVI pi p 112). Fin-nuqqas, ikollu jwieġeb għall-imprudenza tiegħu meta jseħħ l-inċident stradali."

Il-Qorti tqis li meta seħħ l-inċident, l-attur kien qiegħed jagħmel sessjoni ta' taħriġ għal *endurance challenge* li kien ser jipparteċipa fiha barra minn Malta, kellu fuqu ilbies u tagħmir protettiv ieħor u mill-mod kif xehed, jirriżulta b'mod ċar li l-attur kien jaf sew x'kien qiegħed jagħmel u b'liema veloċità kellu

[48] Qorti tal-Appell Kriminali, 21.05.1960.
[49] P.A., 01.03.2001.

jsuq, bit-tip ta' rota li kien qiegħed juża dak il-ħin. Min-naħa l-oħra, il-konvenut kien sejjer għall-mara tiegħu fil-post fejn kienet taħdem, u minkejja li qal li kien familjari ħafna mat-triq fejn seħħ l-inċident, kienet din il-familjarità u kunfidenza żejda li wasslu biex il-konvenut naqas milli juża l-akbar grad ta' diliġenza u attenzjoni possibbli meta ġie biex jaqsam bil-vettura tiegħu għan-naħa l-oħra tat-triq, bir-riżultat li fl-inkroċju sab ma' wiċċu b'mod inaspettat ir-rota misjuqha mill-attur, u induna biss li l-attur kien korra wara li dan kien diġà waqa' minn fuq ir-rota li kien qiegħed isuq u sab ruħu mal-art.

Ladarba ġiet stabbilita l-kwistjoni tar-responsabbilità għall-inċident inkwistjoni, il-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.

*Damnum Emergens:*

L-attur ressaq diversi provi in sostenn tat-talbiet tiegħu għal-likwidazzjoni tad-danni materjali sofferti minnu. L-ewwel komputazzjoni li ser tagħmel il-Qorti hija fir-rigward tat-telf tas-salarju tal-attur għall-perijodu kollu meta ma setax imur xogħol, għal total ta' tliet mija u sebgħa u tletin (337) jum. Mill-provi jirriżulta li fis-sena 2014, is-sena ta' qabel dik meta seħħ l-inċident, l-attur kellu salarju gross ta' €16,949. Dan ifisser li fuq perijodu ta' tmienja u erbgħin (48) ġimgħa, li huwa t-tul ta' żmien meta l-attur ma setax jidħol xogħol, kien hemm telf ta' salarju fis-somma ta' €15,645.23 (gross), li minnhom trid titnaqqas it-taxxa[50] u l-kontribuzzjonijiet soċjali li kien ser iħallas l-attur li kieku

[50] *Pro rata*, fuq medda ta' 48 ġimgħa din tiġi madwar €1,166.

baqa' jaħdem b'mod regolari[51], kif ukoll il-ħlas tal-benefiċċju tal-mard li ngħata l-attur fil-perijodu bejn is-7 ta' Mejju, 2015 u l-31 ta' Diċembru, 2015, li jammontaw għal €4,731.44, sabiex b'hekk €15,645.23 - €1,166 - €1,221 - €4,731.44 iwasslu għas-somma ta' €8,526.79, li huwa t-total ta' salarju li tilef l-attur tul il-perijodu meta ma setax imur ix-xogħol.

L-attur ippreżenta rċevuti u dokumenti bħala prova li wara l-inċident huwa kellu jibdel il-vettura li kien isuq qabel għal waħda awtomatika[52], liema vettura nxtrat bil-prezz gross ta' sebat elef Euro (€7,000), u l-attur xehed ukoll li wara l-inċident kellu jbiddel il-bieb tal-garaxx u jagħmel wieħed b'*shutter* awtomatiku, bi spiża addizzjonali ta' €1,803.[53] L-attur xehed li apparti l-prezz ta' sebat elef Euro (€7,000) li ħallas għax-xiri tal-vettura awtomatika, għamel ukoll *part-exchange* mal-vettura li kellu, sabiex b'hekk il-prezz totali tal-vettura mixtrija mill-attur kien ta' tmint elef u ħames mitt Euro (€8,500). Iżda fin-nuqqas ta' prova f'dan ir-rigward, il-Qorti sejra tieħu l-prezz ta' sebat elef Euro (€7,000) indikat fid-dokument esebit mill-attur bħala parti mid-*damnum emergens* subiti mill-attur.[54]

L-attur ippreżenta wkoll għadd ta' rċevuti b'rabta ma' visti mediċi, xiri ta' mediċini, ħlas għal sessjonijiet ta' fiżjoterapija, u spejjeż addizzjonali oħra li l-attur kellu jagħmel b'rabta mal-imsemmi inċident. L-irċevuti ppreżentati huma ta' €50 lill-klinika ta' Dr Jason Bonnici[55]; €65 u €20 ukoll lill-klinika ta' Dr Jason Bonnici[56]; €60 lil Saint James Hospital[57]; €200 lil ESS Trading, flimkien

[51] B'mod proporzjonat, dawn jammontaw għal €1,221.
[52] *A fol.* 117 tal-proċess.
[53] *A fol.* 47 tal-proċess.
[54] Id-dokument hu dak a fol. 117 tal-proċess.
[55] *A fol.* 150 tal-proċess.
[56] *A fol.* 151 u 152 tal-proċess. L-irċevuta *a fol.* 153 tal-proċess ġiet ippreżentata darbtejn.
[57] *A fol.* 154 tal-proċess. L-irċevuta *a fol.* 155 hija identika għal dik li tinsab *a fol.* 154.

ma' €12 u €10[58]; €15 lill-Isptar Mater Dei[59]; €11.50 lil KNPD[60]; €4 u €10 lil Inspire; €60 lil Saint James Hospital[61]; €45 għal ħlas ta' sessjoni ta' fiżjoterapija[62]; €40, €25, €60 u €30 lil diversi tobba[63]; €65 total ta' irċevuti maħruġin minn tobba varji[64]; €115 total ta' irċevuti maħruġin minn tobba varji[65]; €70 total ta' irċevuti maħruġin minn tobba varji[66]; €60 total ta' irċevuti maħruġa minn tobba varji[67]; €88 u €175 irċevuti maħruġin minn tobba varji[68]; €65.59 għax-xiri ta' diversi mediċini minn spiżeriji varji[69]; €66.86 għax-xiri ta' diversi mediċini minn spiżeriji varji[70]; €88.52 irċevuti għax-xiri ta' diversi mediċini minn diversi spiżeriji[71]; €107.19 għax-xiri ta' diversi mediċini minn diversi spiżeriji[72]; €49.46 għax-xiri ta' diversi mediċini minn diversi spiżeriji[73]; €29.90 għax-xiri ta' *parts* għat-tiswija tar-rota u €29.90 oħra ukoll għal tibdil ta' *parts* mir-rota[74]; €297.50 għax-xiri ta' diversi oġġetti minn diversi ħwienet assoċjati maċ-ċikliżmu[75]; u €310.70 għax-xiri ta' diversi oġġetti marbuta mal-isport taċ-ċikliżmu[76]. L-attur ippreżenta wkoll irċevuti għal spejjeż li inkorra b'rabta mar-rapport ta' Mr Massimo Abela, fis-somma ta' €300[77]; €115 għal konsulta li għamel fil-Beta Pharmacy f'Ħal Għaxaq ma' Dr Anthony Dimech[78];

---

58 *A fol.* 156 tal-proċess.
59 *A fol.* 157 tal-proċess.
60 *A fol.* 158 tal-proċess.
61 Ilkoll *a fol.* 159 tal-proċess. Hemm esebita wkoll irċevuta oħra li l-ammont indikat fuqha mhux ċar u lanqas mhu ċar għal xiex inħarġet.
62 *A fol.* 160 tal-proċess.
63 *A fol.* 161 tal-proċess.
64 *A fol.* 162 tal-proċess.
65 *A fol.* 163 tal-proċess.
66 *A fol.* 164 tal-proċess.
67 *A fol.* 165 tal-proċess.
68 *A fol.* 166 u 167 tal-proċess.
69 *A fol.* 168 tal-proċess. Fost dawn l-irċevuti hemm waħda li l-ammont indikat fuqha mhux ċar.
70 *A fol.* 169 tal-proċess. L-ammont ta' €4.50 għax-xiri ta' *lip gloss* kif jirriżulta minn waħda mill-irċevuti ġie mnaqqas.
71 *A fol.* 170 tal-proċess.
72 *A fol.* 171 tal-proċess.
73 *A fol.* 172 tal-proċess. Ġie mnaqqas l-ammont ta' €12.90 għax-xiri tal-mediċina Yaz li ġie meqjus li ma kinitx għall-użu tal-attur.
74 *A fol.* 173 u 174 tal-proċess.
75 *A fol.* 175 tal-proċess.
76 *A fol.* 176 tal-proċess.
77 *A fol.* 208 tal-proċess.
78 *A fol.* 211 tal-proċess.

€200 għar-rapport mediku ta' Dr Anthony Galea Debono[79]; €71 għal konsulta fil-klinika Da Vinci Health[80]; €60 għar-rapport redatt mill-espert dentali minn Dr David Mifsud[81]; €162.50 għal diversi spejjeż mediċi[82]; u €199.50 għal ritratti li ttieħdu mis-*scene of crime officers* li ġew ippreżentati fl-atti ta' din il-kawża.

B'riferiment anki għall-fatti u d-dettalji kif esposti fin-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-konvenuti, il-komputazzjoni tal-Qorti fir-rigward tal-irċevuti esebiti mill-attur hija għall-ħlas ta' €1,803 għall-installazzjoni ta' *shutter,* €7,000 għax-xiri tal-vettura, €199.50 bħala ħlas għar-ritratti li ttieħdu mis-*scene of crime officers,* €1,043 spejjeż tat-tobba u l-fiżjoterapisti, €746 ħlasijiet għal rapporti mediċi, €787.62 ħlas għall-mediċini u oġġetti oħra li kellu bżonn l-attur fosthom ħlas lill-KNPD u servizzi relatati, u €668 spejjeż tar-rota, għal total ta' €12,247.12.

L-attur ippreżenta wkoll rapport imħejji mill-kirurgu dentali Dr David Mifsud[83] li qal li sabiex l-attur jagħmel ir-*root canal treatment* li għandu bżonn, l-ispiża taf tlaħħaq l-għaxart elef Euro (€10,000). Il-Qorti iżda qieset li din mhix spiża li attwalment inkorra l-attur u f'kull każ ma nġabet ebda prova li dan it-trattament huwa meħtieġ jew li l-attur bilfors irid jagħmlu fi klinika privata bl-ispiża kif kkwotata.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti qiegħda tistabbilixxi li l-ammont ta' danni materjali li għandhom jitħallsu lill-attur għandu jkun fl-ammont ta' għoxrin elf, seba' mija u tlieta u sebgħin Euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€20,773.91).

[79] *A fol.* 270 tal-proċess.
[80] *A fol.* 296 tal-proċess.
[81] *A fol.* 297 tal-proċess.
[82] *A fol.* 298 tal-proċess.
[83] *A fol.* 271 tal-proċess.

*Lucrum Cessans:*

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[84], il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[85], ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Jirriżulta mid-dokumenti esebiti in atti, li fis-sena 2014, li hija s-sena ta' qabel dik meta l-attur kellu l-inċident, l-attur kellu dħul gross ta' €16,949 li minnu trid titnaqqas it-taxxa (€1,021) u l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali (€1,323.36), sabiex b'hekk id-dħul annwali nett tal-attur kien ta' €14,604.64. Dan id-dħul irid jiġi aġġustat abbażi tal-għoli tal-ħajja[86] għall-perijodu kollu tal-

[84] P.A., 18.02.2013.
[85] P.A., 27.04.2005.
[86] F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe**, il-Qorti qalet illi: "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*."

*multiplier*[87], sabiex b'hekk id-dħul annwali bażiku li ser tkun qiegħda taħdem il-komputazzjoni tagħha l-Qorti huwa ta' €14,604.64 + €18,109.75 / 2 = €16,357.20.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' ħamsa u tletin (35) sena, li hija l-età li kellu l-attur fis-sena 2015 meta seħħ l-inċident inkwistjoni, il-*multiplier* li għandu jiġi adottat huwa ta' 25, tenut kont li persuna fl-età tal-attur huwa mistenni li jaħdem almenu sakemm ikollu ħamsa u sittin (65) sena sabiex jilħaq età pensjonabbli. F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjuġi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjugi Restall**[88], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler vs Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
>
> …
>
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler vs Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

[87] Il-medja tar-rata tal-inflazzjoni li ser tkun qiegħda taħdem biha l-Qorti għaż-żmien rilevanti hi dik ta' 0.96%.
[88] P.A., 10.05.2005.

Fil-każ odjern ġie stabbilit li l-attur qiegħed isofri minn diversi debilitajiet ilkoll ta' natura permanenti, b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni. Il-Qorti ħatret l-esperti mediċi ġudizzjarji li waslu għall-konklużjonijiet tagħhom, filwaqt li anki l-attur ippreżenta diversi rapporti ta' esperti mediċi *ex parte* li lkoll spjegaw kif il-konsegwenzi ta' dan l-inċident ħallew lill-attur isofri minn diversi debilitajiet permanenti. L-espert mediku *ex parte* Mr Massimo Abela kkonkluda li mil-lat ortopediku l-attur ser jibqa' jsofri minn diżabilità permanenti ta' 25%. Dr Anthony Dimech ikkomkluda li l-attur ser jibqa' jsofri minn debilità permanenti fil-grad ta' 25% mil-lat psikjatriku. In-neurologi Dr Anthony Galea Debono u Dr. Josanne Aquilina, it-tnejn qablu li l-grad ta' debilità permanenti sofferta mill-attur mil-lat neuroloġiku hija ta' 55%, Dr David Mifsud qal li mil-lat dentali l-attur ser jibqa' jsofri minn debilità ta' 2%, filwaqt li Mr Simon Degabriele, li nħatar bħala espert mill-Qorti, wasal għall-konklużjoni li mil-lat estetiku l-attur ser jibqa' jsofri minn debilità permanenti ta' 5%.

F'deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Brian Micallef *vs.* Brian Tyre Services et**[89], fejn persuna ssofri aktar minn debilità waħda konsegwenza ta' inċident li ġġarrab, issemmiet il-ħtieġa li jiġi stabbilit il-*weighted average*:

> "Skont il-ġurisprudenza meta persuna ssofri diversi gradi ta' diżabilità permanenti għandu jiġi adoperat il-kriterju magħruf bħala *weighted average,* fejn id-diversi gradi ta' diżabilità permanenti riżultanti jiġu kkunsidrati in relazzjoni mal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda preżunzjoni *a priori* li l-multipliċità tal-feriti jiġu komputati komplessivament. Bil-*weighted average,* għandu jittieħed bilanċ tar-riżultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat (**Cassar Pullicino noe et *vs* Xuereb et, App. 20.02.2009)**."

[89] 31.01.2014.

F'deċiżjoni fl-ismijiet **Frendo *vs* Cachia**[90], il-Qorti qalet illi:

> "Dak li jrid jiġi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapaċità fis-sens purament mediku, iżda l-effetti li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-attur danneġġjat."

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, is-soċjetà konvenuta għamlet suġġeriment li l-Qorti għandha tieħu bħala *weighted average*, rata ta' debilità permanenti li ma tkunx aktar minn 65%. Il-Qorti ser tkun qiegħda tadotta din ir-rata ta' debilità permanenti peress li tqis li dan huwa perċentwal ġust u raġonevoli, tenut kont tal-effetti li l-ħsara li sofra l-attur ser ikollha fuq il-qligħ futur tal-attur.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'pagament ta' darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tara li hemm lok għal ebda tnaqqis bħal dan.

Is-salarju medju ta' €16,357.20 x *multiplier* ta' 25, x 65% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €265,804.50 li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* twassal għas-somma ta' mitejn u tnax-il elf, sitt mija u tlieta u erbgħin euro u sittin ċenteżmu (€212,643.60). Minn dan l-ammont il-Qorti sejra tnaqqas l-ammont li l-attur qiegħed jipperċepixxi bħala *disability allowance* b'effett mid-9 ta' Ġunju, 2018, li għall-perijodu bejn id-9 ta' Ġunju 2018 u l-4 ta' Jannar, 2019 kien jammonta għal €103.30 fil-ġimgħa, filwaqt li

[90] P.A., 20.04.2009.

wara l-5 ta' Jannar, 2019, dan l-ammont żdied għal €107.97 fil-ġimgħa. Dan ifisser li fuq medda ta' 25 sena, l-attur ser ikun qiegħed idaħħal *disability allowance* fis-somma ta' €140,225.57 (€103.30 x 29 ġimgħa + €107.97 x 23 ġimgħa, u €107.97 għal 52 ġimgħa fuq 24 sena = €140,225.57). Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tistabbilixxi li l-*lucrum cessans* soffert mill-attur għandu jiġi likwidat fis-somma ta' tnejn u sebgħin elf, erba' mija u tmintax-il euro u tliet ċenteżmi (€72,418.03) li għandu jitħallas mill-konvenuti lill-attur in linea ta' danni għat-telf ta' qligħ futur.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti;**
2. **Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut Carmelo Gatt huwa responsabbli għall-inċident li seħħ fit-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (2015) fi Triq Ħal Far, Birżebbugia, u għad-danni kollha sofferti mill-attur konsegwenza ta' dan l-inċident;**
3. **Tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta GasanMamo Insurance Limited hija responsabbli *in solidum* mal-konvenut Carmelo Gatt versu l-attur għad-danni kollha sofferti mill-attur konsegwenza tal-istess inċident *ai termini* tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta;**
4. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-istess inċident bħala *damnum emergens* u *lucrum cessans* fis-somma ta' tlieta u**

**disgħin elf, mija u wieħed u disgħin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€93,191.94).**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**